MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2010

Numru. 212/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Darren Cuschieri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Darren Cuschieri ta’ 29 sena, iben Anthony u Pauline nee’ Vella, imwieled nhar il-11 ta’ Ottubru 1979, Pieta’ u residenti Amazonas, Triq il-Wasliet, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 511679(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. F’dawn il-Gzejjer fit-08 ta’ Frar 2009 ghall-habta ta’ 07:00p.m. gewwa u/jew barra l-garage tar-residenza 19, Poinsettia,Triq il-Wasliet, Swieqi minghajr il-hsieb li joqtol

jew iqieghed l-hajja f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Anthony Portelli.

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb minghajr ma darab ghal Anna Portelli.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded bi kliem lil Anthony Portelli u Anna Portelli.

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna biza lil Anthony Portelli u Anna Portelli li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom ;

5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' vettura ta' l-ghamla Peugeot numru ta' reg. DBE 021, liema hsara tiskorri 116. 47 Euro, izda ma tiskorrix 1164.69 Euro ghad-dannu ta' Anthony Portelli.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Anthony Portelli u Anna Portelli sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b' obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 3 ta' Dicembru 2009 (esebita a fol. 94 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a. fl-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
b. fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
c. fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
d. fl-artikoli 339(d) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
e. fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

f. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-10 ta' Dicembru 2009, l-imputat Darren Cuschieri ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala' bejn zewg girien fis-7 ta' Frar 2009 ghall-habta tas-7.00pm, fi Triq il-Wasliet, is-Swieqi u li kompla gewwa l-garaxx tal-fond 19 fl-istsss triq bejn l-imputat u Anthony Portelli li huwa l-propjetarju tal-imsemmi fond u garaxx fejn sehh l-incident u fejn il-parti civili Anthony Portelli allegatament sostna griehi ta' natura gravi per natura u fejn giet kagunata hsara volontarja fuq il-vettura tal-marka Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni DBE 021 propjeta' tal-istess parti civili.

Anthony Portelli xehed fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 2009 fejn spjega li fil-gurnata in kwistjoni huwa wasal id-dar u waqqaf il-vettura tieghu quddiem il-garaxx tad-dar tieghu u nizel mill-vettura sabiex jiftah il-bieb tal-garaxx. Quddiem il-vettura tieghu u parkeggajta quddiem garaxx ta' dar ohra kien hemm il-vettura tal-imputat izda ma kien hemm hadd f'din il-vettura. Waqt li huwa kien qed jiftah il-bieb tal-garaxx ra lill-imputat hiereg minn faccata u cioe' mid-dar tieghu u diehel fil-vettura tieghu. Portelli qal li sakemm huwa kompla jiftah il-bieb tal-garaxx l-imputat beda' jdoqq il-horn b'mod kontinwu u huwa ma tax kaz u kompla jiftah il-bieb u mbaghad dahal fil-vettura tieghu u poggiha fil-garaxx u sadanittant ra lill-imputat jerga' johrog mill-vettura tieghu u jidhol fid-dar t'ommu li toqghod bieb ma bieb mieghu. Portelli qal li meta huwa hareg sabiex jaghlaq il-grada tal-front garden hareg l-imputat mid-dar

t'ommu u beda jidghi u joffendih u jghid lilu u lil mara li ser ihanxrilhom ghonqom. Portelli jsostni li huwa ma qal xejn lill-imputat hlief sabiex ma jkompliex jidghi u dak il-hin l-imputat sbroffa u dahal jigri warajh fil-garaxx. Portelli jghid li hu u l-mara pruvaw jaghlqu l-bieb tal-garaxx sabiex ma jhallux lill-imputat jidhol izda ma rnexxilhomx u l-imputat dahal fil-garaxx u l-ewwel hebb ghal Anna Portelli, l-mara ta' Anthony Portelli, izda din irnexxilha tahrab bejn il-karozzi li kien hemm parkeggjati fil-garaxx. Skond Portelli l-imputat imbaghad dar ghalih, sakru mal-hajt u beda' jaghtih u Portelli hass tingiza ma widnejh ix-xellugija u beda' hiereg id-demm. F'dan l-istadju dahlu fil-garaxx missier, omm u l-mara tal-imputat u missier l-imputat mar iferraq lill-imputat u lil Anthony Portelli. Dan tal-ahhar isostni li f'dan il-punt l-imputat intefa' fuq il-vettura beda' jaghti fuqha u baraxha. Portelli jkompli li huwa beda' jinsisti mal-imputat u mal-familja tieghu sabiex jitilqu l-barra ghaliex ried imur l-isptar sabiex jinghata l-kura ghal griehi li kellu f'widnejh u eventwalment mar il-policlinic u mbaghad l-isptar fejn sarulu tmien punti f'widnejh ix-xellugija u jispjega li ghamel tmint ijiem ma jmurx ix-xoghol. Anthony Portelli jghid li ma jafx biex saret id-daqqa li kellu f'widnejh ghaliex ma setghax jara x'kellu f'idu l-imputat izda jghid li dan bilfors kellu xi haga bil-ponta ghaliex altrimenti ma kinitx issir il-qata'. Huwa jghid ukoll li l-imputat beda' jaghti fuq il-vettura tieghu b'dak li kellu f'idu izda qal li ma rax x'kien. Anthony Portelli spjega li huwa kellu CCTV cameras installati barra d-dar u esebixxa Cd bil-filmat ta' dakinhar (inserit a fol. 58 tal-process). Huwa esebixxa wkoll survey b'sett ta' ritratti tal-hsara li giet kagunata fil-vettura tieghu (inserit a fol. 37 sa 43 tal-process).

F'dawn il-proceduri xehdet ukoll Anna Portelli mart Anthony Portelli (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 43 sa 49 tal-process) fejn din tat rendikont pjuttost konfuz ta' dak li allegtament gara u li mhux dejjem jaqbel mal-verzjoni tal-fatti moghtija minn zewgha li per ezempju ma jsemmi xejn dwar sieheb l-imputat, Anna Portelli inoltre tghid li zewgha kien id-dar qabel l-incident u hareg idahhal il-karozza tieghu fil-garaxx filwaqt li Anthony Portelli jghid li huwa wasal id-dar immedjatament qabel l-

incident u mar idahhal il-vettura fil-garaxx. Anthony Portelli jghid li missier l-imputat mar iferraqhom filwaqt li Anna Portelli tghid li hija dahlet fil-kcina sabiex iccempel lil Pulizija u meta harget sabet lil zewgha imhanxar mal-art. Anna Portelli inoltre ssostni li l-imputat beda' jidhol u johrog mill-garaxx taghhom waqt l-incident filwaqt li zewgha ma jghid xejn minn dan.

L-imputat irrrilaxxja zewg stqarrijiet (inseriti a a fol. 20 sa 22 tal-process fejn spjega li dakinhar tal-incident huwa kien ser idahhal il-vettura tieghu fil-garaxx meta gie Anthony Portelli minn warajh u ghalaqlu t-triq billi qieghed il-vettura tieghu b'mod orizzontali u peress li kien hemm vettura parkeggjata warajh la seta' jmur il-quddiem u l-anqas lura. L-imputat jghid li sabiex ma jaqlax inkwiet huwa nizel mill-vettura u dahal gewwa igib xi haga mid-dar tieghu bl-isperanza li meta jerga' johrog Portelli jkun nehha l-vettura tieghu izda meta rega' hareg sab il-vettura ta' dan tal-ahhar fl-istess posizzjoni u meta mar fuqu u talbu jressaq il-vettura Portelli beda' jipprovokah u jghidlu sabiex jaghmillu xi haga ghaliex kellu il-cameras. L-imputat jghid li meta huwa rrisponda li ma kienx jimpurtah mill-cameras Portelli mbuttah u kompla jipprovokah u mbaghad dahal fil-garaxx tieghu. L-imputat spjega li huwa haseb li Portelli kien ser igib xi haga mill-garaxx sabiex jattakkah biha u huwa ghalhekk segwih fil-garaxx u malli dahlu gewwa tah daqqa ta' ponn f'widnejh ix-xellugija. L-imputat cahad li kien hebb ghal Anna Portelli jew li kien ikkaguna hsara fil-vettura ta' Anthony Portelli jew li altrimenti kien hedded lil Anthony u Anna Portelli li kien ser ihanxrilhom ghonqom. L-imputat spjega wkoll li Anthony Portelli kien bniedem ihobb jaqla' l-inkwiet u fil-fatt kellu diversi kwistjonijiet ma hafna nies fit-triq, inkluz ma missier l-imputat. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 98 sa 105) fejn ikkonferma l-verzjoni tal-fatti moghtija minnu meta huwa rrilaxxja l-istqarrija. Huwa produca bhala xhud lil Ivan Xuereb li xehed fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2010 fejn dan ikorrobora l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti pjuttost konfliggenti dwar dak li effettivament gara dakinhar tal-incident fejn min-naha wahda Anthony Portelli jsostni li l-imputat beda' joffendih u jheddu minghajr ebda raguni u mbaghad attakkah u kkagunalu griehi f'widnejh u hsara fil-vettura tieghu u min-naha l-ohra l-imputat li jghid li l-incident kollu beda' ghaliex Portelli l-ewwel imblkukkalu l-passagg bil-vettura u mbaghad beda' jipprovokah sakemm huwa spicca sabiex tilef rasu u fajjarlu daqa ta' ponn f'widnejh. Iz-zewg verzjonijiet tal-fatti huma t-tnejn korroborati minn xhud iehor izda filwaqt li l-verzjonijiet moghtija minn Anthony Portelli u martu ivarjaw sostanzjalment f'certu dettalji, l-verzjonijiet moghtija mill-imputat u mix-xhieda minnu prodotti huma kwazi identici. Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat stante li din hija ferm aktar kredibbli u konsistenti. Il-komportament ta' Anthony Portelli u ta' martu fuq il-pedana tax-xhieda kif ukoll l-inkonsistenzi riskontrati bejn iz-zewg verzjonijiet minnhom moghtija hallew dubji serji dwar il-kredibilita' taghhom.  L-imputat min-naha l-ohra dejjem baqa' konsistenti dwar dak li gara kemm meta rrilaxxja l-istqarrjja kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti. Huwa fil-fatt dejjem ammetta li kien tilef rasu meta gie ppovokat minn Portelli u spicca sabiex fajjarlu daqqa ta' ponn f'widnejh. Dwar dak li qalu  Anthony Portelli u martu l-Qorti taraha pjuttost stramba kif huma jsostnu li l-imputat kellu xi haga taqta' u bil-ponta f'idejh izda hadd minnhom ma ra dan l-oggett jew seta' jaghti ndikazzjoni x'kien l-istess oggett.

Il-Qorti jidrilha li huma biss l-ewwel u r-raba' akkuza li jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u l-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tal-imsemmija akkuzi izda mhux tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li huwa gie provokat, anki jekk ir-reazzjoni tieghu eccediet bil-

bosta l-limitu tal-provokazzjoni, kfi ukoll il-fatt li huwa mal-ewwel ammetta mal-Pulizija li kien fajjar daqqa ta' ponn lil Anthony Portelli u kkagunalu l-griehi f'widnejh ix-xellugija, u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi jidrilha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-3 ta' Dicembru 2009 u senjatament l-Artikoli 214, 216, 251B u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u r-raba' akkuza migjuba fl-konfronti tieghu u tikkundannah tnax (12) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-kofronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €499.14 liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti torbot lill-imputat b'obbligazzjoni personali taht penali ta' €800 ghal zmien tnax (12) il-xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Anthony u Anna konjugi Portelli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------